# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 29 ta' Jannar 2020**

**Rikors Numru : 422/2019 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**CC**

**Vs**

**SC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' CC datat 16 ta' Settembru 2019 a fol 1 et seqq tal-proċess li jaqra hekk:-

*Illi l-partijiet iżżewwġu nhar id-disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elf disgħa mija u sitta u disgħin (1996) u dan skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u immarkat bħala Dokument A.*

*Illi l-partijiet ilhom separati sa tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni hawn anness bħala Dokument B liema kuntratt kien sar fl-atti tan-nutar Dr Patricia Vella Haber;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżżewġin;*

*Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi l-esponenti tixtieq tirreverti għal kunjomha ta' xebba u ċioe Hili;*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar id-disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elf disgħa mija u sitta u disgħin (1996);*

2. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti għal kunjomha ta' xebba u ċioe H;*

3. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

4. *Tqassar iż-żmien għall-preżentata tal-iskrittura tal-appellant quddiem il-Qorti fi grad ta' appell ai termini tal-Artikolu 243(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għal dak ta' jumejn (2).*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**CC** iddikjarat permez ta affidavit (dok C, fol 4) illi l-partijiet iżżewwġu fid-9 ta' Novembru 1996, u li ilhom separati mit-23 ta' Lulju 2002 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-nutar Dr Patricia Vella Haber. Illi ma hemmx prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni u illi ma hemmx arretrati ta' manteniment dovuti.

**CC** xehdet viva voce (fol 16) illi hija iżżewġet fid-9 ta' Novembru 1996 u li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, illum maġorenni u t-tnejn jaħdmu. Xehdet illi mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni personali datat 23 ta' Lulju 2002 qatt ma kien hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, u xehdet ukoll li l-manteniment dovut dejjem tħallas.

**SC** xehed (fol 18) u ikkonferma u ikkorabora dak li xehdet CC u żied jgħid li tama ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet ma hemmx.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-***

***separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-9 ta' Novembru 1996 (Vide Dok A fol 5) u li minn dan iz-zwieg kellhom żewġt itfal illum maġorenni u jaħdmu;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Vella Haber , datat 23 ta' Lulju 2002 (vide fol 6 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi pendenzi ta' manteniment ma hemmx għaliex il-manteniment dejjem tħallas.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attriċi irnexxilha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-**

**Registru Pubbliku u tawtorizza lil CC sabiex tirreverti lura ghal kunjom xbubitha u cioe H u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**